**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 511/2021 JPG**
**Kawza Numru : 22**

**ND**
**Vs**
**LD**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' ND datat 26 ta Ottubru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) – certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument 'A'.*

*Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Francesca Portelli fit-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) – kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi annessa u markata Dokument 'B;*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal.*

*Illi kif diga inghad, l-partijiet ilhom separati b'kuntratt mis-sena elfejn u dsatax (2019) u allura jissodisfaw ir-rekwizit skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Illi ma hemm, ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin.*

*Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrent ND qieghed jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata LD bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' LD, datata 14 ta' Frar 2022 a fol 45 li taqra hekk:

*Ili hija giet notifikata bir-rikors ta' ND datat 23 ta' Ottubru 2021.*

*Illi hija qed takwijexxi ghat-talbiet hemm dedotti ghall-hall taz-zwieg tal-kontendenti, b'dana illi id-divorzju tal-partijiet ghandu jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jigi registrat fir-Registru ai fini u effetti kollha tal-ligi.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Nota kongunta tal-partijiet datat 22 ta' Frar 2022, li permezz taghha ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (Vide fol 49);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**ND xehed** (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta' Settembru 2016 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Mejju 2019 fl-atti tan- Nutar Dr Francesca Portelli. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**LD xehdet** (vide affidavit fol 46) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Dicembru 1995, liema zwieg jgib certifikat numru 2896/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli nhar it-13 ta' Mejju 2019 (vide Dok. B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta

illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2896/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**